# Wenzu jfittex lil Lucija

*Traduzzjoni ta'* Dun Pawl

*(Jaqbad mal-għadd ta' Settembru, 1944, ta' "Il-Malti" paġ. 86)*

"MULEJ!" għajjat Wenzu: "Ismagħha! iġborha miegħek, lilha u liż-żgħira tagħha: Inħaqru biżżejjed! Inħaqru biżżejjed!"

Kif stejqer minn dik id-dehxa li ma bħalha, u, waqt li qed ifittex jiftakar it-triq li għandu jagħmel, biex jara jekk hux ma' l-ewwel triq għandu jikser, u jekk mal-lemin jew maxxellug, jisma' wkoll minn din ġejjin ħsejjes kbar u li ma kellhom x'jaqsmu ma' ta' qabel, ilħna ta' għajat ta' ħkim, ta' krib, ta' biki ta' nisa, ta' twerżiq ta' tfal.

Baqa' sejjer, f'qalbu jistenna dejjem li jiltaqa' ma' Alla jaf liema niket. Meta wasal f'salib it-toroq, lemaħ min-naħa l-waħda ġemgħa kbira nies ġejja 'l quddiem, u waqaf hemm biex iħalliha tgħaddi. Kienu morda li kienu sejrin jeħduhom Lazzarett, uħud, imkaxkrin, għalxejn kienu jżommu, għalxejn kienu jħambqu li kienu jridu jmutu fuq soddthom, u xejn ma kien jiswielhom li jwieġbu bi kliem ta' sħit għad-dagħa u twissijiet tal-"monatti" li kienu jġorruhom; oħrajn mixjin ħiemda, bla ma juru b'uġigħ, lanqas li kienu qegħdin iħossu minn xi ħaġa oħra, qishom miblugħin, nisa bi trabi ma' għonqhom; tfal imwerwrin mill-għajat, minn dawk it-twissijiet, min-nies li kienu magħhom, aktar milli mill-ħsieb imbiegħed tal-mewt, li bi twerżiq qawwi kienu qegħdin jitolbu lil ommhom u lil dirgħajha l-imġarrba u darhom. Jaħasra! u aktarx li ommhom, li kienu jaħsbu li ħallewha rieqda fuq soddtha, kienet inxteħtet fuqha, għax kienet qabditha f'daqqa waħda l-pesta; u kienet qiegħda hemm mitlufa, biex jeħduha fuq karru lazzarett, jew il-qabar, jekk il-karru jdum ma jiġi. Aktarx, oh ħasra li tisthoqqilha dmugħ ta' mrar aqwa! Li l-omm, midhija kollha bit-tbatijiet tagħha, kienet insiet kollox, lil uliedha wkoll, u ma kellhiex iżjed ħlief ħsieb wieħed: li tmut b'sikkitha.

B'danakollu, f'taħbila hekk kbira xi nies kienu għadhom juru qlubija u ħniena: misserijiet, ommijiet, aħwa, ulied, miżżewġin, li kienu jwieżnu lill-għeżież tagħhom, u jissieħbu magħ-

hom bi kliem ta' faraġ: u mhux kbar biss, imma tfal żgħar, bnejtiet kienu jmexxu lil ħuthom iċ-ċkejknin, iżgħar minnhom, u, b'għaqal u mogħdrija ta' kbar, kienu jwissuhom biex jisimgħu milli jgħidulhom, u jagħmlulhom tajjeb li kienu sejrin fejn kien hemm min jieħu ħsieb tagħhom biex ifejjaqhom.

Fost is-swied il-qalb u l-ħlewwa ta' dehriet bħal dawn, ħaġa kienet qiegħda aktar tkeddu u żżommu fuq ix-xwiek lill-ġerrej tagħna. Id-dar ma kelliex tkun il bogħod, u min jaf jekk qalb dawk in-nies......

Imma kif għaddiet dik il-ġemgħa kollha ta' nies, u għaddielu dak it-taqtigħ il-qalb, dar fuq il-"monatt", li kien ġej wara, u staqsieh fuq it-triq u d-dar ta' Dun Ferrante. "Mur għand il-mniegħel, ja ċerċur", kienet it-tweġiba li ħa. Lanqas ma ħabbel rasu biex jagħtih dik li kienet tixraqlu; imma kif lemaħ, żewġ meddiet ta' raġel il bogħod, kummissarju, li kien ġej f'tarf dik il-għaqda u kellu wiċċu aktar ta' nisrani, tennielu l-mistoqsija. Dan, juri bil-ħatar in-naħa li minnha kien ġej, qallu: "L-ewwel triq mal-lemin, l-aħħar dar kbira maxxellug."

B'xewqa ġdida u aqwa f'qalbu ż-żagħżugħ ħa għal dik in-naħa. Qiegħed fit-triq; jagħraf malajr id-dar minn qalb l-oħrajn, aktar baxxi u magħkusa; jersaq lejn il-bieb il-kbir, li hu magħluq, iqiegħed idu fuq il-ħabbata, u jżommha fuqha, bejn ħalltejn jekk iħabbatx jew le, bħalma fuq kus qabel ma jtalla' l-polza li fuqha hemm miktuba l-ħajja jew il-mewt tiegħu.

Fl-aħħar jarfa' l-ħabbata u jagħti daqqa b'rieda sħiħa.

Kemm kemm wara tinfetaħ tieqa: mara tgħarrex tara min hemm, b'wiċċ ta' min qed jaħseb ħażin, li donnu jgħid: "Monatti"? Ġerrejja tat-triq? Kummissarji? Xjaten?

"Sinjura", qal Wenzu jħares 'il fuq u b'leħen aktarx imriegħed: "Hawn hawnhekk taqdi żagħżugħa mir-raħal, jisimha Luċija?"

"M'għadhiex hawn iktar; itlaq," wieġbet dik il-mara, u qabdet sa tagħlaq.

"Stenna ftit, jaħasra! M'għadhiex hawn iktar? Fejn hi?"

"Lazzarett"; u mill-ġdid riedet tagħlaq.

"Imma, stenna ftit, f'ġieħ is-sema! bil-pesta?"

"Iva. Xi ħaġa ġdida, jaqaw? Mur".

"Imsejken jien! Stenna: kienet magħdura ħafna? Kemm ilu?"

Sa hawn it-tieqa laħqet ingħalqet tassew.

"Sinjura! sinjura! kelma waħda biss, jaħasra! għar-ruħ l-imsejkna mejtin tiegħek! Ma jien nitolbok xejn minn tiegħek: oj!" Imma kien qisu qed jitkellem mal-ħajt.

Imnikket għall-bxara u mdagħdagħ għall-imġiba, Wenzu raġa' ħataf il-ħabbata, u hekk imwieżen mal-bieb, erħilu sejjer iħażżiżha u jilwiha, jarfagħha biex iħabbat mill-ġdid ta' miġnun imbagħad iżommha merfugħa. F'din it-taħwida dawwar wiċċu biex jara jekk mad-dwar kienx hemm xi ġar, li minnu kien minn jaf jista' jikseb xi tagħrif ta' akbar reqqa, xi tarf, xi dawl. Imma l-ewwel u l-wieħed li ra, kienet mara oħra, imbiegħda minnu xi għoxrin medda ta' riġel; li, b'wiċċ li kien jixhed biża', mibegħda, nuqqas ta' sabar, ħiena, b'għajnejn imberrqin, li kienu kieku jridu f'ħin wieħed iħarsu lejh u jħarsu 'l bogħod, tiftaħ ħalqha bħal sejra tgħajjat b'kemm għandha ħila imma żżomm san-nifs, tarfa' żewġ dirgħajn niexfa, ittawwal u tiġbed lura żewġ idejn imkemmxin mitwijin qishom dwiefer bħal donnha kienet qiegħda tfittex li taħtaf xi ħaġa, kienet tidher li trid issejjaħ in-nies, imma hekk li xiħadd ma jintebahx. Meta għajnejhom iltaqgħu jħarsu lejn xulxin hi ssir aktar kerha, bħal wieħed li nqabad għal għarrieda

"X'il-mniegħel?" beda Wenzu jarfa' hu wkoll idejh lejn il-mara; imma din, jiesha maqtugħ li ġġiegħel lil min jaqbdu għal għarrieda, ħalliet taħrab il-għajta li żammet sa dak il-ħin: 'id-delliek! tuh! tuh! tuh! lid-delliek!'

"Min? jien! ja saħħara giddieba! iskot," għajjat Wenzu u ta qabża lejha biex ibeżżagħha u jġegħelha tiskot. Imma ntebaħ malajr li kien jeħtieġlu aktar li jaħseb għal rasu għat-twerżiq tax-xiħa, bdew jinġabru nies minn hawn u minn hemm; mhux dik il-kotra, li, għal ħaġa bħal din kienet tkun tlitt xhur ilu; imma aktar minn biżżejjed biex kienu jistgħu jagħmlu minn bniedem waħdu dak li kienu jridu. Filwaqt infetħet mill-ġdid it-tieqa u dik il-mara żorra ta' qabel xirfet did-darba, u qabdet tgħajjat hi wkoll: "Aqbduh, aqbduh; għax għandu jkun wieħed minn dawk il-ħajjiena li qegħdin jiġġerrew jidilku l-bibien tan-nies sewwa."

Wenzu ma qagħadx jaħsibha; deherlu minnufih li l-aħjar ħaġa kienet li jeħles minn dawk, milli jibqa' jħaqqaqha magħhom: ta daqqa ta' għajn għal-lemin u għax-xellug, biex jara

fejn kien hemm anqas nies, u żeġġ minn dik in-naħa. Tafa' lura b'daqqa qawwija ta' minkeb lil wieħed li kien qed jagħlaqlu t-triq; b'daqqa oħra fuq sidru raġġa' lura, tmienja jew għaxar meddiet ta' riġel, lil wieħed ieħor li kien ġej jiġri għal fuqu; u telaq b'ġirja ta' żiemel, b'idu merfugħa 'l fuq, magħluqa, imgħaqqda, imhejji għal kull wieħed ieħor li jiġi bejn saqajh. It-triq quddiemu kienet dejjem bla nies, imma warajh kien jisma' taptip tas-saqajn, u aqwa mit-taptip dak il-għajat imqit: "Tih! tih! lid-delliek!" Ma kienx jaf meta kienu ser jieqfu, ma kienx jilmaħ fejn kien jista' jħares rasu. Id-dagħdigħa saret fih telfa id-dieqa tbiddlet fi qtigħ il-qalb: u, jitlef id-dawl, medd idu fuq is-sikkina li kellu, ħariġha mill-għant, waqaf fuq riġlejh it-tnejn, dawwar lura wiċċ l-aktar ikrah u ta' kelb l-iżjed imgħaddab li kien qatt għamel f'għomru; u, b'idu mtawla, ixejjer ix-xafra tleqq, għajjat: "Min għandu l-ħila, jiġi 'l quddiem, ja klieb! ħalli nidilku tassew b'din."

Imma b'għaġeb tiegħu ma' faraġ li kien qed iħoss fil-bogħod, ra li dawk, li kienu jogħtru warajh, kienu waqfu u kienu hemm bħal mifxulin u li, bla ma jieħdu jgħawwu, kienu qegħdin b'idejhom merfugħin il fuq ixejru qishom imġienen bħal lin-nies li kienu 'l bogħod ġejjin għal warajh. Dar mill-ġdid u ra (għax it-taħwida kbira li kien fiha ma kenitx ħallietu jara ftit qabel) karru, li kien riesaq, mhux biss imma serbut ta' karrijiet tal-mejtin imwennsin min-nies, bħal li kien ra qabel; u wara, ftit il bogħod, għaqda nies oħra żgħira li kienu jridu kieku huma wkoll jaħbtu għad-delliek u jaqbduh fin-nofs; imma kienu miżmumin minn xkiel wieħed. Jara ruħu bejn żewġ nirien, ġieh f'rasu li dak, li kien ta' waħx għal dawk, sata' jkun ta' ħelsien lilu; ħaseb li ma kienx il-waqt li jagħmilha tal-meżmieżi; raġa' daħħal is-sikkina fil-għant, inġibed fil-ġenb, raġa' telaq jiġri lejn il-karrijiet, għadda l-ewwel wieħed, u għajnu waqgħet fit-tieni f'wesgħa ġmielha battala. Iqis, jaqbeż: hu fuq, wieqaf fuq riġlu l-lemin, bix-xellug imdendel u dirgħajh merfugħa.

"Offi għalik! offi għalik!" għajtu għajta waħda l-monatti, li xi wħud minnhom kienu sejrin wara l-ġemgħa tal-karrijiet b'riġlejhom, oħrajn kienu bilqiegħda fuqhom, oħrajn, biex ingħidu l-biċċa li tkexkex kif kienet, fuq l-iġsma mejta, ilegilgu minn kus kbir, li kien qiegħed jagħmel id-dawra. "Offi għalik! kemm għamiltilhom sabiħa!"

"Għejt titqiegħed taħt il-ħarsa tal-monatti; għamel li int qiegħed ġo knisja," qallu wieħed mit-tnejn li kienu fuq il-karru fejn kien tala' hu.

L-għedewwa, kif bdiet riesqa l-ġemgħa tal-karrijiet, il-biċċa l-kbira tagħhom kienu dawru daharhom u sejrin, mingħajr ma jehdew igħajtu: "Tih, tih lid-delliek!" Xi wieħed kien qiegħed jarġa' lura aktar bil-lajma, u jdur lura, b'wiċċ ikrah u tħarrik ta' theddid lejn Wenzu, li, mill-karru kien iwieġeb igħaqqad idu u jxejjer biha.

"Halli lili nagħmel," qallu wieħed mill-monatti; u, wara li ċarrat minn fuq il-ġisem ta' mejjet biċċa moqżieża, għamilha b'ħeffa għoqdiet, għollieha bħal żbandola lejn dawk ta' rashom iebsa, u għamel ta' bir-ruħu sejjer iwaddabilhom, u filwaqt igħajjat: "Stennew ftit, ja klieb."

Għal dal-għamil ħarbu kollha mwerwrin; u Wenzu ma rax iżjed ħlief dhura tal-għedewwa u għeriekeb jiżfnu b'ħeffa, qishom il-għodda tal-mogħdija x-xaqaq.

Qalb il-monatti qam għagħa ta' rebħ, tfaqqigħ ta' daħk qawwi "uh" imtawwal donnu biex isieħeb il-ħarba.

"Ha, ħa" tara jekk aħna nafux inħarsu n-nies sewwa?" qal lil Wenzu dak il-monatt: "Jiswa aktar wieħed minna minn mija minn dawk il-ġwejjef. Viva l-pesta, mewt lill-karfa!"